# Senglea u Manhattan



**Dr. Ugo Mifsud Bonnici**
*President Emeritus u President Onorarju tas-Soċ. Fil. 'La Vincitrice'*

Meta tmur l-Imdina jew xi wieħed mill-irħula antiki ta' Malta u Għawdex, tinduna li dawn ħadu l-forma li għandhom illum, mingħajr ma kien hemm pjan stabbilit minn qabel. Jista' jkun li r-Rumani meta bnew barra mill-Imdina tal-lum, kellhom xi sistema fit-taqsim tal-bini, iżda minn żmienhom sakemm ġew il-Kavallieri fl-1530, missirijietna



*Il-Gran Mastru De La Sengle ried li l-Isla tkun belt ġdida mwaqqfa minnu. Għall-Isla, hu wera ġenerożità kbira, u ħareġ ħafna minn tiegħu biex isaħħaħha, u jibda jgħammarha bil-Maltin.*

kienu jibnu skond kif kien jaqbel lil min kellu l-proprjetà ta' l-art. L-ewwel belt li nbniet skond il-pjan kienet l-Isla. Il-Gran Mastru Claude de La Sengle, Franċiż u jħobb il-loġika, mhux biss saħħaħ il-fortifikazzjonijiet; billi ta l-inkarigu lil wieħed mill-aqwa inġiniera ta' dak iż-żmien, Nicolò Bellavanti, iżda wkoll ried li tinbena belt fuq dik il-penisola. Dan l-inġinier dam Malta mill-1554 sa l-1557 fejn bena l-Forti ta' San Mikiel biex jiddefendi d-dħul għall-belt Senglea, iżda wkoll ried li t-toroq tagħha jkunu dritti, kartabun kif ukoll jgħaqqdu l-irjieħ bl-inqas distanza; biex fil-każ ta' assedju, ir-rinforzi jkollhom passaġġ dritt u bla xkiel. B'hekk l-Isla saret l-ewwel belt pjanifikata ta' pajjiżna. Wara saret hekk ukoll il-Belt Valletta.

Fuq il-mudell ta' l-Isla, u wara tal-Belt, saru estensjonijiet ta' mkejjen oħra. Hekk ngħidu aħna; waqt li l-parti ta' madwar il-knisja ta' Bormla żviluppat bla pjan. Dawk ta' fuq l-għolja ta' Santa Margerita u ta' fuq San Pawl, li nbnew wara li ssawru s-swar tal-Kottonera fi żmien il-Gran Mastru Nicola Cotoner, saru wkoll fuq pjan ordnat. Sar hekk ukoll bnadijiet oħra; iżda għal ħafna għexieren ta' snin, fil-biċċa l-kbira, Malta ma kellhiex pjan regolatur għal kullimkien.

Interessanti li wieħed jinnota li l-pjan forma ta' gradilja, li ntuża



*Il-Gran Mastru Nikol Cotoner, li ta ismu lit-tlett ibliet , u ħa ħsieb jorganizza ċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-ewwel ċentinarju mill-Assedju l-Kbir.*

wkoll għall-penisola ta' Manhattan, meta kienet qed tinbena Amsterdam il-ġdida – illum New York. Għalkemm ferm ikbar, aktarx li din



*Parti żgħira mill-Forti San Mikiel.*




*Pjanta ta' l-Isla fis-seklu XVIII.*

il-forma ntgħażlet għar-raġunijiet simili: dawk tad-difiża. Hekk jaqbel meta qed tibni fuq ilsien ta' art. Dik il-parti ta' l-Amerika ta' fuq kienet għadha kontestata bejn l-Olandiżi u l-Ingliżi, waqt li l-Franċiżi mill-Kanada ma kinux wisq 'il bogħod. Min-naħa l-oħra, meta fis-snin ta' qabel, fl-Italja u fi Franza riedu jibnu belt perfetta f'sit imdawwar bl-art minn kull riħ, għażlu l-forma ta' stilla, bir-raġġi ħerġin minn post ċentrali. Dan ukoll għal raġuni ta' difiża. Mill-post ċentrali tal-qalba ta' l-istilla, tissupplixxi għall-bżonnijiet li jista' jkun hemm fit-truf, wisq aktar malajr.

Fl-Assedju l-Kbir kienu tefgħu pont bejn il-Birgu u l-Isla, għall-istess raġuni tat-trasferiment malajr tar-rinforzi meta jkun hemm bżonn. Ma ninsewx li l-Kavallieri u s-suldati Maltin, kif ukoll dawk Griegi li l-Ordni kien ġab miegħu minn Rodi, kienu dejjem ftit fin-numru waqt li t-theddida dejjem kienet ġejja mill-Imperu Ottoman; dik il-ħabta fl-aqwa tiegħu. Il-ħsieb kien, minn qabel, kif naraw fil-bini ta' l-Isla, li wieħed jagħmel tajjeb bil-mobilità dak li jonqsu fil-kwantità.

Maż-żmien, il-ħtiġijiet tad-difiża kemm ta' Malta kollha kif ukoll ta' l-Isla, partikolarment inbidlu. Is-swar ma ddefendewniex kontra l-attakki mill-ajru. Is-swar inżammu għal sbuħithom u l-istorja tagħhom. Meta kien hemm il-ħtieġa li tinbena skola, tmenin sena ilu, il-Fortizza ta' San Mikiel ġiet issagrifikata. Iżda wieħed jistaqsi: kieku kellha tinbena llum l-Isla, jaqbel li terġa' tieħu l-forma ta' gradilja? Wara l-gwerra mondjali li għaddiet, meta parti sewwa mill-belt kienet



*Dehra ta' l-Isla kif inhi llum.*

imġarrfa, ittieħdet id-deċiżjoni li l-pjanta ta' l-Isla tinżamm kemm jista' jkun bħalma kienet. Naħseb li dan kien għaqli u utli. Għaliex il-forma ta' gradilja tutilizza bl-aħjar mod it-territorju.

Illum l-Isla, bħal bliet oħra mibnija fis-sekli li għaddew, tissara mal-problemi tat-traffiku. Għaliex il-bniedem ma jibnix għall-mument, jibni biex jibqa', u iktar ma jibni sabiħ u monumentali, iktar jibqa' fit-tul. Il-bliet mibnija għal seklu jeħtieġilhom jiġġeddu biex iservu għas-sekli ta' wara. Kull ġenerazzjoni tkun trid tirranġa u tadatta mingħajr ma titlef dak li jkun ta' siwi fil-bini ta' l-imgħoddi. L-Isla għadha sbejħa u għadha sservi. Biċċa mertu għad baqgħalhom La Sengle u Bellavanti. Mertu kbir ukoll tas-Sengleani li ġew wara.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



*In-nies ta' l-Isla taw sehem kbir fir-rebħa meta b'ħila ddefendew is-swar ta' San Mikiel. Huma, mhux biss ma ħaduha qatt kontra l-kavallieri, imma ssieħbu wkoll magħhom fl-istess taqbid. Jidher il-pont li kienu ħejjew bejn l-Isla u l-Birgu. (Affresk ta' Matteo Perez D'Aleccio li tinsab fil-Palazz tal-Gran Mastri fil-Belt Valletta.)*